# ZVILUPPI GENERALI TAL-FESTI TA' BARRA F'MALTA

Il-festa kif nafuha llum, bdiet għall-ħabrta ta' nofs is-seklu dsatax, meta fl-irħula Maltin bdew jiffurmaw ruħhom l-hekk imsejħa "partiti". Fis-seklu sittax, kienet issir xi ħaġa żgħira, bħat-tqassim ta' frott u nbid lin-nies li kienu jattendu ċ-ċerimonji reliġjużi jew l-għoti ta' flus lill-foqra minn xi benefattur tar-raħal. (1) Anke fi żmien hekk bikri nisimgħu li kien hemm każi ta' pika - dak iż-żmien bejn il-kunfraternitajiet (2). Sas-seklu tmintax, kienu saru żviluppi oħrajn. Per eżempju, bdew jixegħlu xi ftit lampi taż-żejt l-istess Cassar Pullicino (3) jgħid li fl-1738 fil-festa ta' Sant'Elena f'Birkirkara kienu jisparaw xi murtali ukoll. Ġie li kienu joħorġu gruppi żgħar idoqqu l-fifri u t-tamburlini fit-toroq. (4) Imma xejn ma kien ikun organiżżat bħal-lum. L-istatwi tal-qaddisin protetturi ta' l-irħula damu ma bdew isiru. Illum il-proċessjoni bl-istatwa titulari hija l-qofol ta' kull festa.

Skond Castagna (5) l-Gran Mastri ta' l-aħħar kienu favur li l-poplu jaljena ruħu mill-ħażen soċjali u mill-kundizzjonijiet ħżiena tal-ħajja. Fil-fatt l-Ordni stess kient torganiżża festi tagħha u tarma t-toroq biex tiċċelebra xi avvenimenti speċjali. Imma l-festi ta' l-irħula għadhom lura, u ma kienu xejn ħdejn il-festi tal-Kavallieri. Dawn ta' l-aħħar kienu jipprovdu saħansitra logħob tan-nar, peress li kellhom kemm il-munizzjon kif ukoll l-irġiel kapaċi jaħdmuh. Qabel l-1876, il-Maltin qatt ma ppruvaw jaħdmu biċċa xogħol tan-nar kbira huma stess. Imma f'dik is-sena, inzerta ġie Malta l-Prinċep Albert. Allura ħallsu lil ċertu Pain, Ingliż, biex jagħmel wirja ta' logħob tan-nar. Ix-xogħol tiegħu tant kien iddiżapuntahom, li ddeċidew li jibdew imiddu jdejhom għal xogħol bħal dan huma stess. Minn dan il-pass bikri, avvanzaw ħafna, u llum il-ġurnata għandna dilettanti tan-nar li huma kapaċi ferm, li saħansitra jħabbtuha ma' l-aqwa ħaddiema tiegħu fid-dinja.

Il-partiti tal-festa, kif diġa' għidna, inħolqu f'nofs is-seklu dsatax, jew wara, u fil-biċċa l-kbira tal-każi l-kwistjonijiet kienu bejn il-partitarji tal-festa titulari u oħrajn ta' xi qaddis ieħor, ta' l-aħħar membri fil-konfraternita' ta' dan il-qaddis. (6) Il-partiti bdew jadottaw il-laqmijiet u s-simboli: min sar "ta' l-ajkla", min sar "ta' l-istilla", eċċ.

Wara l-1860, deher progress kbir fl-organiżazzjoni tal-festi. Il-partit l-ġodda, waqqfu l-każini u nħolqu l-baned. Għalkemm għall-bidu l-livell tal-baned ma kienx għoli wisq, m'hemmx dubju li dawn ikkontribwew ferm lejn il-kultura tan-nies ta' l-irħula. Għadek sal-lum issib bandisti li skola jkunu jafu ftit li xejn, filwaqt li jkunu jafu jaqraw il-mużika daqs l-aqwa skular. Fil-pajjiż, illum sar għandna bandisti ndividwali ta' livell għoli ħafna, u ħafna minnhom jieħdu l-istudju tal-mużika bis-serjeta' ferm.

M'hemm xejn isbaħ minn raħal magħqud. Imma l-piki minn dejjem eżistew. Il-Knisja nnifisha pprovvat tevita l-inkwiet li ġġib il-pika għamja. Per eżempju fl-1935, ħarġet regoli sabiex tirregola l-istandard tal-festi sekondarji. Hekk, per eżempju, dawn ma setgħux ikollhom Tranżlazzjoni tar-relikwija lejlet il-festa; setgħu jarmaw bid-dawl l-inħawi tal-knisja biss, u żewġ baned (waħda lejlet u oħra nhar il-festa) biss setgħu jdoqqu. Dan minbarra kontroll fuq il-kwantita' ta' nar li seta' jinħaraq u fuq l-armar għall-festa. Għall-bidu, r-regoli kienu osservati, tant li ċerti festi sekondarji (bħal ta' San Mikiel f'Ħaż-Żabar u l-partit ta' San Ġużepp fis-Siġġiewi) iddgħajfu jew ixxejnu għal kollox. Imma llum qed naraw li ħafna drabi r-regoli twarrbu fil-ġenb. F'Ħaż-Żebbuġ, per eżempju, din is-sena kien hem festa sabiħa ħafna għal San Ġużepp, avolja din suppost li hija festa sekondarja. Fil-fehema tiegħi, il-serata mużiko-letterarja li l-każin ta' San Ġużepp irnexxielu jtella' b'tant suċċess

parrokkjali ħhar it-Tnejn, 24 ta' Lulju tas-sena l-oħra, għad trid iddum tissemma fl-istorja tal-każini ta' pajjiżna. L-istess Boissevain (7) jagħti lista sħiħa tar-raġunijiet għaliex in-nies issibhom iżommu ma' partit umhux ma' ieħor.

Jekk il-Knisja ppruvat tirregola l-kompetizzjoni bejn il-festi titulari u dawk sekondarji, ma sar xejn biex irażżan il-pika bejn il-festa titulari ta' parroċċa u dik ta' parroċċa oħra. Normalment din il-pika tkun bejn il-ġirien: Ħaż-Żebbuġ ma' Ħal Qormi; Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi. Ġie li tkun ġewwa l-istess raħal: Santa Marija u San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex, San Ġorġ u San Bastjan f'Ħal Qormi. Għalkemm Ħaż-Żebbuġ imiss ma' Ħ'Attard, ftit li xejn insibu każi ta' pika bejn in-nies ta' dawn iż-żewġt irħula. Għalkemm naqraw dwar diversi inċidenti pprovokati mill-pika bejn l-irħula, xorta waħda jibqa' l-fatt li teżisti ċerta rabta bejn l-irħula ġirien. Per eżempju, min jaf kemm il-żgħażugħ Żebbuġi ltaqa' ma' xbejba Qormija f'xi festa minn tagħhom u spiċċaw biex anke eventwalment iżżewġu! Ir-rabta ma kienitx fuq dan il-livell biss. Per eżempju Borg, (8) sab rabta artistika u devozzjonali bejn iż-żewġ parroċċi ta' San Ġorġ (Ħal Qormi) u ta' San Nikola (is-Siġġiewi), għaliex stabilixxa li ż-żewġ statwi titulari taż-żewġt irħula saru mill-istess artist, Pietro Felici. Xi influwenza se jkun hemm żgur, għax għalkemm ħadd ma jieħu gost jgħolli lill-ieħor, l-irħula ġirien issibhom jimitaw lil xulxin f'ħafna affarijiet. Dan hu evidenti l-aktar fil-proċesjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Għalkemm normalment l-ambizzjoni hija fattur pożittiv, ma rridux nesaġeraw, għax il-moderazzjoni hija sabiħa f'kollox.

L-istaġun tal-festi fi żmienna jiġi, bejn wieħed u l-ieħor, bejn Mejju w Settembru. Il-festa tagħna, ta' Santa Marija Assunta, tiġi fl-eqqel tas-sħana tas-sajf, meta n-nies aktar ikunu mħajjrin imorru jiddevertu ħdejn il-baħar. Madankollu, min iħobb il-festa jew/u min hu devot lejn il-Madonna , xorta waħda ma jkunx irid jitlef din il-festa hekk sabiħa. Il-festa ta' Ħ'Attard tikkonċidi ma' għadd kbir ta' festi oħra li jiġu organiżżati fl-istess ġurnata. Biżżejjed insemmu l-festa ta' Santa Marija tal-Mosta, li tiġbed tant folol ta' nies minn Malta kollha. Barra minn hekk, ir-raħal ta' Ħ'Attard hu popolat minn nies li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma ġejjin minn irħula oħra. Għalhekk, huwa diffiċli ħafna biex wieħed jistabilixxi dik ir-rabta qawwija maċ-Ċentru tar-raħal b'kull ma jiġri fih. Imma huwa interessanti wieħed jinnota li ħafna mill-organiżżaturi tal-festa ta' Ħ'Attard għandhom oriġini minn raħal ieħor, spiss ġirien ta' Ħ'Attard. Biżżejjed insemmu lill-President ta' dan il-każin stess, li twieled f'Ħal Qormi. Jekk dawn in-nies integraw daqstant fir-raħal, allura m'għandhiex tkun daqshekk problema li Ħ'Attard hu mimli bil-barranin. Jekk m'hi tajba għal xejn, il-festa hija mezz biex tgħaqqad ir-raħal. Mela fil-fehma tiegħi, Ħ'Attard jiġi l-ewwel fil-lista ta' l-irħula li ma jistgħux igħaddu mingħajr il-festa.

Il-festi f'Malta għamlu passi kbar 'il quddiem mas-snin. Għalkemm hawn ħafna aspetti folkloristiċi li qed ininu jew imutu, il-festi żgur li mhux qed jiġrilhom hekk. Huwa bżonn li nikkonservawhom, għax jagħtuna ċerta identita' u mhux ta' min jitlifha.

**Dr. Mariella Mizzi - B. Educ. (Hons). LLD**


(1) Cassar Pullicino, J., Studies in Maltese Folklore (Malta: Univ,: Lux Press, 1976) 35/36

(2) Mifsud, A., "I nostri consoli e le arti ed i mestieri a Malta", Archivum Melitense (Malta: Vol III, nri. 2-3, Dic. 1917 - Frar 1918) p.40 (nota 1)

(3) op. cit., p. 36

(4) Castagna, P.P., "Musici-Musikieri. Il-Musica fil-knejes Tagħna", Lis Storia ta' Malta bil- gżejer tagħha (sic) (Malta: Vol. III, 1890) p. 238.

(5) ibid., p. 238.

(6) Boissevain, J., Saints and Fireworks: Religion and Politics in Rural Malta (London: Univ.: Athlone Press, 1965) p. 75.

(7) ibid., p. 83.

(8) Borg, V., "Qormi and Siggiewi - a link between two parishes, "The Sunday Times 28.6.81:p.8.